MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 729/2002

**Dr Edwin Mintoff**

**Vs**

**Arvin Construction Limited, Kevin Ellul u Lorraine Ellul Bonavia in solidum**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-28 ta’ Novembru 2002 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta’ elfejn mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm2,286.69) rappezentanti drittijiet professjonali ghall-servigi rezi mill-attur in konnessjoni ma’ varji xogholijiet ta’ kejl fosthom ta’ progetti f’Hal Luqa u f’H’Attard.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-avviz kontra l-konvenuti liema konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-konvenuti Kevin Ellul u Lorraine Ellul Bonavia mhumiex il-legittimi kontradittturi u ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma ma ghandhomx u qatt ma kellhom xi relazzjoni legali mal-attur.

3. Illi fit-tielet lok l-ammont pretiz mill-attur lanqas ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta Arvin Construction Limited stante illi ma tezistix ebda relazzjoni guridika bejnha u l-attur u s-servigi rezi mill-attur li ssir referenza ghalihom fl-avviz huma se mai dovuti minn terzi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlasijiet tad-drittijiet professjonali wara illi gie mqabbad mill-konvenuti sabiex jesegwixxi xogholijiet f'zewg progetti, ta' Hal Luqa u ta' H'Attard, fiz-zmien meta Charles Ellul kien direttur tas-socjeta' konvenuta *Arvin Construction Company Limited*.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu trid tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti. L-artikolu 2149 minnhom ikkwotat jippreskrivi azzjonijiet bl-eghluq ta' sentejn ghall-*"arkitetti u nginiera civili u persuni ohra li jezercitaw professjoni jew arti libera ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu".*

Ikkunsidrat:

L-attur xehed a fol 15 li kien gie nkarigat minn zewg progetti, wiehed ta' Hal Luqa, idea ta' Eric Farrugia u iehor f'H'Attard proprjeta' ta' John Cassar ghas-socjtea' *'Sweet Source Limited'.* Il-progetti gew imwettqa u s-socjeta' *Arvin Construction Company Limited* bdiet taghmel pagamenti bir-rata miftiehma ta' wiehed fil-mija (1%), izda mbaghad wara z-zmien il-pagamenti waqfu. Dana japplika kemm ghall-progett ta' H'Attard, kif ukoll ghall-progett ta' Hal Luqa. L-attur avvicina lil Charles Ellul ghall-pagamenti u assikurah li kien se jhallas u qatt ma sar xejn. Sadanittant is-socjeta' *Arvin Construction* inxtrat minn hu Charles, Kevin Ellul. Skond Charles kien sar ftehim li l-kontijiet pendenti kellhom jithallsu minn Kevin. Meta dan ma sarx l-attur istitwixxa din il-kawza.

Kevin Ellul minn naha l-ohra xehed li (fol 18) kien jaf b'dawn il-progetti ta' Hal Luqa u ta' H'Attard li gew negozjati minn huh Charles meta kien *managing director*. Hadem fuq dawn il-progetti u ha l-paga. Meta kien qed jixhed fl-2003 qal illi s-socjeta' kienet inqasmet xi hames snin qabel u li huh Charles qatt ma qallu li Dr Mintoff kien qed jippretendi xi hlas.

Charles Ellul xehed f'dawn l-atti u filwaqt li jikkonferma illi kien sar xi xoghol H'Attard u Hal Luqa ma setax jiftakar li kien ghad fadal xi ammonti dovuti lill-attur u sa fejn kien jaf hu l-attur kien thallas ta' kollox. Ghal dak li huwa t-terminu preskrittiv l-istess attur fix-xhieda tieghu jammetti li l-kontijiet kienu aktar minn sentejn dovuti.

Ikkunsidrat:

B’din l-ahhar dikjarazzjoni l-attur qieghed jammetti l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif imqajjma mill-konvenuti. Ma giex ippruvat meta sar ix-xoghol u lanqas meta ntbaghtu l-kontijiet u meta saret xi forma ta’ ammissjoni minn naha ta’ Charles Ellul. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq din id-dikjarazzjoni ta’ l-istess attur u stante in-nuqqas ta’ prova ta’ xi nterruzzjoni jew ammissjoni, tghaddi biex tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni u konsegwentement tichad it-talba ta’ l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------